**FIL-QORTI TAL-MINORENNI**

**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT DR. ABIGAIL CRITIEN**

**B.A., Trib. Eccl. Melit., LL.M. (Family Law) (Lond.), LL.D.**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Ritienne Gauci)**

**vs**

**OMISSIS**

**Referenza: 7266/2022 AC**

**Nru. Tal-NPS: Bk 23-2767**

**Illum it-12 ta' Ġunju, 2025**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront ta' **OMISSIS**, ta' 16-il sena, bint **OMISSIS**, imwielda l-Pieta' fis-26 ta' Marzu 2006 li toqgħod ġewwa **OMISSIS**, u detentriċi tal-Karta tal-Identita' bin-numru **OMISSIS**, li kienet akkużata talli nhar is-6 ta' Novembru 2022 għall-ħabta ta' bejn 12:00 nofsinhar u s-06:00 ta' filgħaxija ġewwa dawn il-Gżejjer:

1. Inġurjajt, jew heddidt, jew għamilt offiża fuq il-persuni ta' PS 902, PC 2203, PC 2443, persuni inkarigati skont il-Liġi minn servizz pubbliku, waqt li kienu qed jagħmlu jew minħabba li kienu qed jagħmlu dan is-servizz, jew bil-ħsieb li tbeżżagħhom jew li tinfluwixxi fuqhom kontra l-Liġi waqt l-eżekuzzjoni ta' dak is-servizz;

2. U aktar talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi, attakkajt jew għamilt reżistenza bi vjolenza jew b'ħebb, ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra PS 902, PC 2203, PC 2443, persuni inkarigati skont il-Liġi minn servizz pubbliku, fil-waqt li kienu qed jaġixxu għall-eżekuzzjoni tal-Liġi jew ta' ordni mogħti skont il-Liġi mill-awtorita' kompetenti;

3. U aktar talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi, ħebbejt għal PC 2203 C. Zahra u kkaġunajtlu offiża ta' natura ħafifa skont kif iċċertifikat minn Dr. Claude Borg Reg. No. 4554, uffiċjal pubbliku jew kien inkarigat skont il-Liġi minn servizz pubbliku jew li hu jew kien uffiċjal jew impjegat ta' korp kostitwit b'Liġi meta r-reat ikun sar minħabba li dik il-persuna kienet għamlet id-dmirijiet tal-kariga tagħha;

4. U aktar talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi, ħebbejt għal PS 902 K. Spiteri u kkaġunajtlu offiża ta' natura ħafifa skont kif iċċertifikat minn Dr. James Mifsud Reg. No. 4432, uffiċjal pubbliku jew kien inkarigat skont il-Liġi minn servizz pubbliku jew li hu li jew kien uffiċjal jew impjegat ta' korp kostitwit b'Liġi meta r-reat ikun sar minħabba li dik il-persuna kienet għamlet id-dmirijiet tal-kariga tagħha;

5. U aktar talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi, ħebbejt għal PC 2443 C. Pisani u kkaġunajtlu offiża ta' natura ħafifa skont kif iċċertifikat minn Dr. James Mifsud Reg. No. 4432, uffiċjal pubbliku jew kien inkarigat skont il-Liġi minn servizz pubbliku jew li hu li jew kien uffiċjal jew impjegat ta' korp kostitwit b'Liġi meta r-reat ikun sar minħabba li dik il-persuna kienet għamlet id-dmirijiet tal-kariga tagħha;

6. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, inqast milli tobdi l-ordnijiet leġittimi mogħtija lilek minn PS 902, uffiċjal pubbliku waqt li kien qed jaqdi d-doveri tiegħu jew ma ħallejtx jaqdi, jew fixkilt jew indħalt lil imsemmi uffiċjal waqt il-qadi ta' dmirijietu;

7. U aktar talli nhar l-24 ta' Settembru 2022 għall-ħabta ta' bejn 12:00 nofsinhar u 03:00 ta' wara nofsinhar, ġewwa Block D, Flt 6, Triq Anthony Sammut, Birkirkara ħebbejt għal PS 2343 D. Healey u kkaġunajtlu offiża ta' natura ħafifa skont kif iċċertifikat minn Karl Cutajar Reg. No. 4108, uffiċjal pubbliku jew kien inkarigat skont il-Liġi minn servizz pubbliku jew li hu jew kien uffiċjal jew impjegat ta' korp kostitwit b'Liġi meta r-reat ikun sar minħabba li dik il-persuna kienet għamlet id-dmirijiet tal-kariga tagħha;

8. U aktar talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi, volontarjament ħassart jew għamilt ħsara jew għarraqt ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli liema ħsara tammonta għal aktar minn €250 iżda anqas minn €2,500 għad-dannu tal-Korp tal-Pulizija;

9. U aktar talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi, inqast li tobdi l-ordnijiet leġittimi mogħtija lilek minn PS 2343, uffiċjal pubbliku waqt li kien qed jaqdi d-doveri tiegħu jew ma ħallejtx jaqdi, jew fixkilt jew indħalt lil imsemmi uffiċjal waqt il-qadi ta' dmirijietu;

Rat it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex f'każ ta' ħtija tordna lill-ħatja jħallsu d-danni *ai termini* tal-Artikolu 532A tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, u għall-ħlas ta' spejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat illi l-imputata tressqet b'arrest nhar is-7 ta' Novembru 2022 quddiem il-Maġistrat tal-Għassa Dr. Elaine Mercieca;

Rat illi waqt l-istess seduta l-Uffiċjal Prosekutur l-Ispettur Ritienne Gauci qrat u kkonfermat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tal-imputata bil-ġurament[1];

Rat illi meta waqt l-istess seduta sar l-eżami tal-imputata *ai termini* tal-Artikolu 390(1) u l-Artikolu 392 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta[2], l-imputata wieġbet li mhux ħatja tal-imputazzjonijiet kif dedotti fil-konfront tagħha;

Rat illi waqt l-istess seduta l-Qorti kif diversament preseduta laqgħet it-talba tad-Difiża għall-Ħelsien mill-Arrest[3], u dan skont il-kundizzjonijiet elenkati fid-digriet datat is-7 ta' Novembru 2022[4];

Rat illi waqt l-istess seduta l-Qorti kif diversament preseduta ordnat illi l-imputata titpoġġa taħt Ordni Proviżorja ta' Superviżjoni[5];

Rat illi waqt l-istess seduta, l-Qorti kif diversament preseduta ordnat ukoll illi isem l-imputata ma jkun rappurtat bl-ebda mod lill-mezzi tax-xandir u dan fid-dawl tal-fatt li hija għadha minorenni[6];

Rat li waqt is-seduta tad-9 ta' Jannar 2025[7], l-imputata rreġistrat l-ammissjoni tagħha għall-imputazzjonijiet fil-konfront tagħha;

Rat li l-Qorti wissiet lill-imputata bl-aktar mod solenni dwar il-konsegwenzi legali tal-ammissjoni tagħha, u wara li tagħtha żmien xieraq sabiex tikkonsulta mal-Avukat tal-fiduċja tagħha u jekk trid, terġa' lura minn tali ammissjoni, l-imputata għal darb' oħra kkonfermat l-ammissjoni tagħha;

---

[1] Ara l-imputazzjonijiet hekk kif maħlufa bil-ġurament mill-Uffiċjal Prosekutur l-Ispettur Ritienne Gauci a fol 5 *et seq* tal-proċess, kif ukoll il-verbal tas-seduta tas-7 ta' Novembru 2022 a fol 3 *et seq* tal-proċess
[2] Ara l-verbal tas-seduta tas-7 ta' Novembru 2022 a fol 3 *et seq* tal-proċess, kif ukoll l-eżami nnifsu a fol 7 tal-proċess
[3] Ara l-verbal tas-seduta tas-7 ta' Novembru 2022 a fol 3 *et seq* tal-proċess
[4] Ara a fol 33 *et seq* tal-proċess
[5] Ara l-verbal tas-seduta tas-7 ta' Novembru 2022 a fol 3 *et seq* tal-proċess
[6] Ara l-verbal tas-seduta tas-7 ta' Novembru 2022 a fol 3 *et seq* tal-proċess
[7] Ara l-verbal tal-istess seduta a fol 266 *et seq* tal-proċess

Rat li l-Qorti osservat id-dettami tal-Artikolu 392A(1) u l-Artikolu 392A(2) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, u fid-dawl tal-ammissjoni libera u inkondizzjonata tagħha, u l-konferma ta' tali ammissjoni wara li kkonsultat mal-Avukat tal-fiduċja tagħha, kien f'dan l-istadju li l-istess Qorti ħadet konjizzjoni tal-ammissjoni tagħha, u fuq talba tad-Difiża, din il-Qorti ordnat li jitħejja *Pre-Sentencing Report* fir-rigward tal-imputata;

A rigward id-dettami tal-Artikolu 392A(3) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, din il-Qorti tiddikjara li ma hemmx raġuni għalfejn għandha tiddubita l-ħtija tal-imputata minkejja d-dikjarazzjoni tagħha f'dan is-sens, u konsegwentement tqis li l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tagħha kienu sodisfaċentement ipprovati;

Rat id-dokumenti esebiti fl-atti, senjatament is-segwenti:

1. Estratt miċ-Ċertifikat tat-Twelid tal-imputata[8];

2. Il-Fedina Penali tal-imputata hekk kif aġġornata nhar is-7 ta' Novembru 2022[9];

3. Ċertifikat Mediku fir-rigward ta' ġrieħi sofferti minn Cameron Pisani datat is-6 ta' Novembru 2022 maħruġ mit-Tabib Dr. James Mifsud[10];

4. Ċertifikat Mediku fir-rigward ta' ġrieħi sofferti minn Karol Spiteri datat is-6 ta' Novembru 2022 maħruġ mit-Tabib Dr. James Mifsud (MR: 4432)[11];

5. Ċertifikat Mediku fir-rigward ta' ġrieħi sofferti minn Chantelle Zahra datat is-6 ta' Novembru 2022 maħruġ mit-Tabib Dr. Claude Borg (MR: 4554)[12];

6. Ċertifikat Mediku fir-rigward tal-imputata maħruġ datat is-6 ta' Novembru 2022 maħruġ mit-Tabib Dr. James Mifsud (MR: 4432)[13];

---

[8] Ara Dok RG a fol 8 tal-proċess
[9] Ara Dok RG1 a fol 9 tal-proċess
[10] Ara Dok RG2 a fol 10 tal-proċess
[11] Ara Dok RG3 a fol 11 tal-proċess
[12] Ara Dok RG4 a fol 12 tal-proċess
[13] Ara Dok RG5 a fol 13 tal-proċess

7. *Discharge Note* maħruġa mit-Tabib Dr. James Mifsud (MR:4432) mill-Isptar Mater Dei datata s-6 ta' Novembru 2022[14];

8. NPS PCR Person Details tal-imputata[15];

9. Rapport tal-NPS bir-referenza 9/POL/6177/2022[16];

10. Rapport tal-NPS bir-referenza 2/POL/5388/2022[17];

11. Stima u Ritratti ta' Ħsarat fuq il-vettura Peugeot 308 II bin-numru tar-reġistrazzjoni GVP 738[18];

12. Envelope kannella siġillat b'fotokopja tal-Karta tal-Identita' tal-imputata[19];

13. Nota tas-*Senior Probation Officer* Antonella Debono datata s-17 ta' Novembru 2022 li permezz tagħha nfurmat lill-Qorti kif diversament preseduta li kienet nominata l-*Probation Officer* MaryRose Farrugia sabiex issegwi lill-imputata fuq Ordni Proviżorja ta' Superviżjoni[20];

14. Rapport tal-NPS bir-referenza 2/POL/6130/2022[21];

15. Rapport tal-NPS bir-referenza 2/POL/5388/2022[22];

16. Kopja ta' Sentenza fl-ismijiet Il-Pulizija v. Francis Formosa[23] esebita mid-Difiża *ai fini* ta' trattazzjoni dwar ir-rikors[24] tal-Kummissarju tal-Pulizija datat it-22 ta'

---

[14] Ara Dok RG6 a fol 14 tal-proċess
[15] Ara Dok RG7 a fol 15 tal-proċess
[16] Ara Dok RG8 a fol 16 *et seq* tal-proċess
[17] Ara Dok RG9 a fol 20 *et seq* tal-proċess
[18] Ara Dok RG10 a fol 23 *et seq* tal-proċess
[19] Ara a fol 34 tal-proċess
[20] Ara a fol 35 tal-proċess
[21] Ara Dok EB a fol 58 *et seq* tal-proċess
[22] Ara Dok KS a fol 77 *et seq* tal-proċess
[23] Appell Nru. 489/2014 deċiż nhar il-25 ta' Frar 2015 mill-Onor. Imħallef Dr. David Scicluna
[24] Ara a fol 49 tal-proċess

Diċembru 2022 għar-ri-arrest tal-imputata[25], liema rikors kien dekretat nhar it-3 ta' Jannar 2023[26];

17. Rapport tal-*Probation Officer* Mary Rose Farrugia datat l-10 ta' Mejju 2023 rigward l-andament tal-imputata[27];

18. *Sleeve* b'żewġ CDs rigward ir-Rapport tal-NPS bir-referenza 2/POL/5388/2022[28];

19. Nota tas-*Senior Probation Officer* Antonella Debono datata l-5 ta' Ġunju 2023 sabiex tinforma lill-Qorti li kienet nominata l-*Probation Officer* Svetlana Bezzina biex issegwi lill-imputata fuq Ordni ta' Trattament[29];

20. Rapport tal-*Probation Officer* Svetlana Bezzina datata t-13 ta' Ġunju 2023 rigward l-andament tal-imputata[30];

21. Rapport tal-*Probation Officer* Svetlana Bezzina datata s-26 ta' Ġunju 2023 rigward l-andament tal-imputata[31];

22. Rapport tal-*Probation Officer* Svetlana Bezzina Giannoukos datata t-13 ta' Novembru 2023 rigward l-andament tal-imputata[32];

23. Rapport tal-*Probation Officer* Svetlana Bezzina Giannoukos datat it-30 ta' Novembru 2023 rigward l-andament tal-imputata[33];

24. Korrispondenza mal-YMCA rigward residenza alternattiva għall-imputata[34];

---

[25] Ara s-sentenza msemmija a fol 90 *et seq* tal-proċess
[26] Ara a fol 61 *et seq* tal-proċess
[27] Ara a fol 102 *et seq* tal-proċess
[28] Ara Dok RGX1 a fol 114 tal-proċess
[29] Ara a fol 119 *et seq* tal-proċess
[30] Ara a fol 120 *et seq* tal-proċess
[31] Ara a fol 140 *et seq* tal-proċess
[32] Ara a fol 144 *et seq* tal-proċess
[33] Ara a fol 147 *et seq* tal-proċess
[34] Ara Dok MM1 a fol 170 *et seq* tal-proċess

25. Rapport tal-*Probation Officer* Svetlana Bezzina datat is-27 ta' Mejju 2024 rigward l-andament tal-imputata[35];

26. Rapport tal-*Probation Officer* Svetlana Bezzina Giannoukos datat is-6 ta' Ġunju 2024 rigward l-andament tal-imputata[36];

27. Nota tal-imputata datata s-27 t'Awwissu 2024 li permezz tagħha ppreżentat prova t'appuntament li għamlet mal-Psikjatra Dr. Claire Axiak għat-30 t'Awwissu 2024, kif ukoll prova li rreġistrat ma' *JobsPlus* sabiex tfittex xogħol[37];

28. Rapport tal-*Probation Officer* Svetlana Bezzina Giannoukos datat is-26 ta' Diċembru 2024 rigward l-andament tal-imputata[38];

29. Nota tas-*Senior Probation Officer* Marilyn Testa datata t-28 ta' Jannar 2025 li permezz infurmat lil din il-Qorti li kienet nominata l-*Probation Officer* Svetlana Bezzina Giannoukos sabiex tħejji *Pre-Sentencing Report* fir-rigward tal-imputata[39];

30. Nota tal-*Probation Officer* Svetlana Bezzina Giannoukos datata s-26 ta' Marzu 2025 li permezz tagħha ppreżentat il-*Pre-Sentencing Report* imħejji minnha fir-rigward tal-imputata[40];

Rat ir-rikors b'urġenza tal-imputata datat il-15 ta' Diċembru 2022 li permezz tiegħu talbet lil din il-Qorti kif diversament preseduta sabiex tordna li jkunu elevati u preżentati quddiemha l-filmati tal-*bodycams* ta' PS 902, PC 2203 u PC 2443 ta' nhar is-6 ta' Novembru 2022 u ta' kull membru ieħor tal-Korp tal-Pulizija li kien preżenti meta l-imputata kienet taħt arrest fl-Għassa tal-Ħamrun fl-istess ġurnata, u tal-filmat tas-*CCTV* fl-Għassa tal-Ħamrun fid-data msemmija;

[35] Ara a fol 182 *et seq* tal-proċess
[36] Ara a fol 187 *et seq* tal-proċess
[37] Ara a fol 256 *et seq* tal-proċess
[38] Ara a fol 264 *et seq* tal-proċess
[39] Ara a fol 267A tal-proċess
[40] Ara a fol 268 *et seq* tal-proċess

Rat ir-risposta tal-Uffiċjal Prosekutur l-Ispettur Ritienne Gauci għan-nom tal-Kummissarju tal-Pulizija datata t-22 ta' Diċembru 2022, li permezz tagħha rrilevat li l-filmati tal-*bodycam* imsemmija fir-rikors tal-15 ta' Diċembru 2022 kienu preservati u ser ikunu esebiti fl-atti fl-ewwel dehra u li d-Difiża ser tingħata kopja tagħhom, u rrilevat ukoll li sa dakinhar tar-risposta, l-Għassa tal-Ħamrun għadha m'hix mgħammra b'*cameras* tas-sigurta' u għalhekk ma kienx hemm filmati x'ikunu preservati;

Rat li din il-kawża kienet assenjata lil din il-Qorti fil-kompetenza tagħha permezz ta' digriet tas-S.T.O. Prim Imħallef Dr. Mark Chetcuti dwar Assenjazzjoni ta' Kawżi u Doveri datat id-9 ta' Marzu 2023[41];

Rat illi fis-seduta tal-31 ta' Mejju 2023 din il-Qorti laqgħet it-talba tad-Difiża sabiex l-imputata titpoġġa taħt Ordni ta' Trattament sabiex tindirizza problemi ta' rabja u kwalunkwe problema oħra relatata ma' kontroll u impulsivita' li jista' jkollha[42];

Rat illi din il-Qorti laqgħet it-talba tad-Difiża għall-Ħelsien mill-Arrest u dan skont il-kundizzjonijiet elenkati fid-digriet datat id-9 ta' Mejju 2024[43];

Semgħet ix-xhieda tal-**Ispettur Ritienne Gauci**[44], **PS 1469 Emerson Borg**[45], **omm l-imputata OMISSIS**[46], **il-Psikjatra Dr. Anthony Dimech**[47], **PS 902 Karol Spiteri**[48], **PC 2443 Cameron Pisani**[49], **il-*Probation Officer* Mary Rose Farrugia**[50], **it-Tabib Dr. Joseph**

[41] Ara a fol 96 *et seq* tal-proċess
[42] Ara l-verbal tas-seduta tal-31 ta' Mejju 2023 a fol 112 *et seq* tal-proċess
[43] Ara a fol 180 *et seq* tal-proċess
[44] Ara x-xhieda tagħha mogħtija waqt is-seduta tat-3 ta' Jannar 2023 a fol ??? *et seq* tal-proċess
[45] Ara x-xhieda tiegħu mogħtija waqt is-seduta tat-3 ta' Jannar 2023 a fol ??? *et seq* tal-proċess
[46] Ara x-xhieda tagħha mogħtija waqt is-seduta tat-3 ta' Jannar 2023 a fol ??? *et seq* tal-proċess, kif ukoll waqt is-seduta tal-14 ta' Diċembru 2023 a fol 150 *et seq* tal-proċess, u waqt is-seduta tat-22 ta' Awwissu 2024 *ai fini* tat-talba għall-Ħelsien mill-Arrest a fol 203 *et seq* tal-proċess
[47] Ara x-xhieda tiegħu mogħtija waqt is-seduta tat-3 ta' Jannar 2023 a fol ??? *et seq* tal-proċess
[48] Ara x-xhieda tiegħu mogħtija waqt is-seduta tat-23 ta' Frar 2023 a fol 66 *et seq* tal-proċess
[49] Ara x-xhieda tiegħu mogħtija waqt is-seduta tat-23 ta' Frar 2023 a fol 81 *et seq* tal-proċess
[50] Ara x-xhieda tagħha mogħtija waqt is-seduta tal-11 ta' Mejju 2023 a fol 105A *et seq* tal-proċess

**Saliba**[51], **il-*Probation Officer* Svetlana Bezzina Giannoukos**[52] u **Inkum Okyere Christian bil-lingwa Ingliża għan-nom ta' YMCA**[53]**;**

Semgħet it-trattazzjoni finali tal-partijiet fis-seduta tat-3 t'April 2025[54];

Rat l-atti kollha tal-każ;

Rat din il-kawża kienet differita għal-lum għas-sentenza;

**Ikkunsidrat:**

Illi l-imputata **OMISSIS** kienet mixlija talli nhar is-6 ta' Novembru 2022 għall-ħabta ta' bejn 12:00 nofsinhar u s-06:00 ta' filgħaxija ġewwa dawn il-Gżejjer:

1. Inġurjajt, jew heddidt, jew għamilt offiża fuq il-persuni ta' PS 902, PC 2203, PC 2443, persuni inkarigati skont il-Liġi minn servizz pubbliku, waqt li kienu qed jagħmlu jew minħabba li kienu qed jagħmlu dan is-servizz, jew bil-ħsieb li tbeżżagħhom jew li tinfluwixxi fuqhom kontra l-Liġi waqt l-eżekuzzjoni ta' dak is-servizz;

2. U aktar talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi, attakkajt jew għamilt reżistenza bi vjolenza jew b'ħebb, ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra PS 902, PC 2203, PC 2443, persuni inkarigati skont il-Liġi minn servizz pubbliku, fil-waqt li kienu qed jaġixxu għall-eżekuzzjoni tal-Liġi jew ta' ordni mogħti skont il-Liġi mill-awtorita' kompetenti;

3. U aktar talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi, ħebbejt għal PC 2203 C. Zahra u kkaġunajtlu offiża ta' natura ħafifa skont kif iċċertifikat minn Dr. Claude Borg Reg.

[51] Ara x-xhieda tiegħu mogħtija waqt is-seduta tal-31 ta' Mejju 2023 a fol 114A *et seq* tal-proċess
[52] Ara x-xhieda tagħha mogħtija waqt is-seduta tal-14 ta' Diċembru 2023 a fol 155 *et seq* tal-proċess, kif ukoll waqt is-seduta tat-3 t'Ottubru 2024 a fol ??? *et seq* tal-proċess
[53] Ara x-xhieda tiegħu mogħtija waqt is-seduta tad-09 ta' Mejju 2024 a fol ??? *et seq* tal-proċess
[54] Ara a fol 306 tal-proċess

No. 4554, uffiċjal pubbliku jew kien inkarigat skont il-Liġi minn servizz pubbliku jew li hu jew kien uffiċjal jew impjegat ta' korp kostitwit b'Liġi meta r-reat ikun sar minħabba li dik il-persuna kienet għamlet id-dmirijiet tal-kariga tagħha;

4. U aktar talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi, ħebbejt għal PS 902 K. Spiteri u kkaġunajtlu offiża ta' natura ħafifa skont kif iċċertifikat minn Dr. James Mifsud Reg. No. 4432, uffiċjal pubbliku jew kien inkarigat skont il-Liġi minn servizz pubbliku jew li hu li jew kien uffiċjal jew impjegat ta' korp kostitwit b'Liġi meta r-reat ikun sar minħabba li dik il-persuna kienet għamlet id-dmirijiet tal-kariga tagħha;

5. U aktar talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi, ħebbejt għal PC 2443 C. Pisani u kkaġunajtlu offiża ta' natura ħafifa skont kif iċċertifikat minn Dr. James Mifsud Reg. No. 4432, uffiċjal pubbliku jew kien inkarigat skont il-Liġi minn servizz pubbliku jew li hu li jew kien uffiċjal jew impjegat ta' korp kostitwit b'Liġi meta r-reat ikun sar minħabba li dik il-persuna kienet għamlet id-dmirijiet tal-kariga tagħha;

6. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, inqast milli tobdi l-ordnijiet leġittimi mogħtija lilek minn PS 902, uffiċjal pubbliku waqt li kien qed jaqdi d-doveri tiegħu jew ma ħallejtx jaqdi, jew fixkilt jew indħalt lil imsemmi uffiċjal waqt il-qadi ta' dmirijietu;

7. U aktar talli nhar l-24 ta' Settembru 2022 għall-ħabta ta' bejn 12:00 nofsinhar u 03:00 ta' wara nofsinhar, ġewwa Block D, Flt 6, Triq Anthony Sammut, Birkirkara ħebbejt għal PS 2343 D. Healey u kkaġunajtlu offiża ta' natura ħafifa skont kif iċċertifikat minn Karl Cutajar Reg. No. 4108, uffiċjal pubbliku jew kien inkarigat skont il-Liġi minn servizz pubbliku jew li hu jew kien uffiċjal jew impjegat ta' korp kostitwit b'Liġi meta r-reat ikun sar minħabba li dik il-persuna kienet għamlet id-dmirijiet tal-kariga tagħha;

8. U aktar talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi, volontarjament ħassart jew għamilt ħsara jew għarraqt ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli liema ħsara

tammonta għal aktar minn €250 iżda anqas minn €2,500 għad-dannu tal-Korp tal-Pulizija;

9. U aktar talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi, inqast li tobdi l-ordnijiet leġittimi mogħtija lilek minn PS 2343, uffiċjal pubbliku waqt li kien qed jaqdi d-doveri tiegħu jew ma ħallejtx jaqdi, jew fixkilt jew indħalt lil imsemmi uffiċjal waqt il-qadi ta' dmirijietu;

Li minn kif ingħad aktar 'il fuq, l-imputata rreġistrat ammissjoni għal dawn l-imputazzjonijiet fis-seduta ta' nhar id-9 ta' Jannar 2025, u wara li din il-Qorti wissietha bl-aktar mod solenni dwar il-konsegwenzi legali tad-dikjarazzjoni tagħha u tagħtha żmien xieraq sabiex tikkonsulta mal-Avukat tal-fiduċja tagħha u jekk trid, terġa' lura minnha, għażlet li tikkonferma l-ammissjoni tagħha, u konsegwentement, din il-Qorti li dawn l-imputazzjonijiet kienu sodisfaċentement ipprovati;

Fil-kalibrar tal-piena li għandha tkun inflitta, din il-Qorti ikkunsidrat il-fatturi segwenti:

1. Li l-ammissjoni tal-imputata saret fi stadju relattivament matur ta' dawn il-proċeduri li konsegwentement kemxejn jiddipartixxi ruħu minn dak argumentat mill-Qrati tagħna u dawk internazzjonali fis-sentenzi fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta v. Nicholas Azzopardi**[55] u **Il-Pulizija v. Emmanuel Testa**[56] [57], u ċioe' li jkun hemm lok għal tnaqqis fil-piena meta l-imputat jirreġistra ammissjoni fl-aktar stadju bikri tal-proċeduri, li għaldaqstant jiffranka l-użu tal-ħin u riżorsi tal-Qorti għall-amministrazzjoni tal-Ġustizzja. Fil-każ odjern il-Prosekuzzjoni kienet laħqet ressqet ammont ta' provi, senjatament il-partijiet leżi kollha għajr PS 2443 Għaldaqstant l-ammissjoni tal-imputata trid tittieħed f'dan il-kuntest;

---

[55] Deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-24 ta' Frar 1997

[56] Deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar is-17 ta' Lulju 2002

[57] Ara wkoll f'dan is-sens Appell Nru. 414/2023 fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Rosita Zammit**, deċiż mill-Onor. Imħallef Dr. Consuelo Scerri Herrera nhar it-13 ta' Settembru 2024, paġni 15-17, Att t'Akkuża Nru. 3/2018/2 fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta v. Rosario Militello**, deċiża fis-26 ta' Ġunju 2024 mill-Qorti Kriminali presjeduta mill-Onor. Imħallef Dr. Consuelo Scerri Herrera, paġna 13-15, Kawża Nru. 20/2023 fl-ismijiet **The Police v. Mohamed Salim Saaou El Kaddouri**, deċiża mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali presjeduta mill-Maġistrat Dr. Elaine Rizzo nhar is-06 ta' Mejju 2024, paġna 4

2. Li din l-ammissjoni saret b'mod liberu, u mingħajr ebda kundizzjoni u riżerva;

3. Il-Fedina Penali netta tal-imputata;

4. L-imputazzjonijiet infushom, li jittrattaw reati mwettqa fil-konfront ta' membri tal-Korp tal-Pulizija, offiżi volontarji fuq il-persuna ta' tnejn minnhom ta' natura ħafifa, nuqqas t'ubbidjenza għal ordnijiet leġittimi minn membri tal-Korp tal-Pulizija, kif ukoll ksur ta' kundizzjonijiet tal-Ħelsien mill-Arrest, u l-portata ta' dawn l-imputazzjonijiet;

5. Li l-imputata, *stante* li kienet għadha minorenni fiż-żmien tal-inċident, u li minħabba f'dan, tibbenefika minn tnaqqis fil-piena kif provdut fl-Artikolu 37(2) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

6. Dak li jingħad fil-*Pre-Sentencing Report* tal-*Probation Officer* Svetlana Bezzina Giannoukos, li fih kienu identifikati s-segwenti fatturi:

    a. Li l-imputata ammettiet li kienet fiżikament aggressiva mal-Pulizija, iżda tidher li tirrelata l-imġieba tagħha fil-konfront tagħhom mal-attitudni tagħhom, u li minkejja li l-Fedina Penali tagħha hija netta f'dan l-istadju, mir-rekords tal-Aġenzija għas-Servizzi Korrettivi jirriżulta li nżammet taħt arrest preventiv darbtejn oħra matul l-2024 minħabba ksur tal-kundizzjonijiet ta' Ħelsien mill-Arrest, iżda jidher li minn Awwissu 2024 dan in-nuqqas ta' kunsiderazzjoni lejn l-awtorita' tal-Qorti waqaf, u minn dak iż-żmien l-imputata kkoperat aktar mal-*Probation Officer*;

    b. L-ambjent nieqes minn trankwilita' u stabbilta' li sabet ruħha fih minn tfulitha, li kien ikkaratterizzat minn vizzju tax-xorb da parti tal-missier u relazzjoni problematika mal-ġenituri li wassal għal ġlied regolari bejniethom, bir-riżultat li l-bżonnijiet emozzjonali tagħha mhux dejjem kienu indirizzati f'kuntest familjari. Il-konsegwenza aħħarija ta' dan kollu kienet li l-imputata kienet nieqsa mill-għajnuna neċessarja sabiex

tiżviluppa metodi pożittivi kif tirrelata ma' ħaddieħor, u ta' sikwit kienet issib ruħha maqbuda fid-dinamiċi negattivi bejn il-ġenituri tagħha, bil-*Probation Officer* tasal biex tikkonkludi li din is-sitwazzjoni wassal lill-imputata sabiex tibda tieħu vantaġġ ta' din id-dinamika negattiva biex tieħu dak li trid. Il-*Probation Officer* issemmi wkoll ir-relazzjoni torbolenti li l-imputata kellha m'ommha, partikularment fl-aħħar snin, u fil-preżent għażlet li tillimita l-kuntatt m'ommha. Pero' l-istess *Probation Officer* issemmi wkoll li minn mindu waqfet tgħix m'ommha (li għexet magħha għall-maġġor parti tat-tfulija u l-adoloxxenza tagħha) u marret tirrisjedi ma' missierha l-professjonisti nkarigati magħha innutaw aktar stabbilta' emozzjonali;

c. L-instabbilta' fil-ħajja tal-imputata estenda wkoll f'dak li jirrigwarda l-edukazzjoni u l-ħajja soċjali tagħha, b'bidliet kontinwi minn skola għall-oħra, tant li eventwalment waqfet tattendi l-iskola qabel iż-żmien u minkejja sforzi sabiex tieħu t-taħriġ li wara li waqfet, jidher li ftit li xejn kienet konsistenti fl-attendenza tagħha. Għal dak jirrigwarda impjieg, jirriżulta mir-rekords tal-*JobsPlus* li l-imputata qatt ma kellha xogħol regolarizzat minkejja l-assistenza li ngħatat f'dan ir-rigward, tant li jidher li naqsitilha l-motivazzjoni biex taħdem u l-uniku dħul li kellha kien mid-*disability pension* li tirċievi ta' kull xahar, bil-bżonnijiet bażiċi tagħha jkunu koperti minn missierha;

d. L-imputata mistennija ssir omm f'Lulju 2025 u tinsab f'relazzjoni ma' missier it-tarbija, iżda l-fatt li l-pożizzjoni tiegħu f'Malta mhux regolarizzata jqanqal dubju fil-*Probation Officer* dwar jekk jistax ikun ta' sostenn konsistenti għat-tarbija u għall-imputata nnifisha, u dan apparti allegazzjonijiet mill-imputata kif irrappurtat minnha stess da parti tiegħu fiż-żmien meta r-relazzjoni ta' bejniethom kienet waqfet, li jkomplu jindikaw diffikultajiet fl-istess relazzjoni;

e. Fir-rigward tal-aspett psikoloġiku u psikjatriku tal-imputata, ilha tkun segwita minn psikjatra minn eta' żgħira, u jirriżulta li kien hemm ukoll perjodi li fihom kienet rikoverata l-Isptar Monte Karmeli. Il-*Probation Officer* issemmi diffikultajiet f'dak li jirrigwarda *emotional regulation* u għalhekk kienet preskritta medikazzjoni psikjatrika tul parti kbira ta' tfulita u l-ħajja adoloxxenti tagħha, pero' minn mindu ħarġet tqila waqfet tieħu din il-medikazzjoni u l-psikjatra li ssegwi lill-imputata kkonkludiet li l-istat mentali tagħha huwa wieħed stabbli. Dwar dan il-*Probation Officer* issemmi li l-imputata ilha minn Jannar tal-2023 tattendi sessjonijiet mal-psikologa Theresa Attard bl-iskop li fost oħrajn tirregola l-emozzjonijiet tagħha aħjar, inkluż ir-rabja;

f. Rigward vizzji l-*Probation Officer* issemmi li l-imputata qatt ma kellha problemi ta' vizzji, u t-testijiet tal-urina li ttieħdu waqt it-tħejjija ta' dan ir-rapport u matul iż-żmien li kienet qed issegwi lill-imputata rriżultaw fin-negattiv għal sustanzi lleċiti. Jirriżulta wkoll li l-imputat qatt ma bbenefikat mis-servizzi li jaħdmu kontra l-vizzji;

5. F'dak li jirrigwarda l-Pjan ta' Kura għall-imputata, l-*Probation Officer* ssostni li hemm bżonn li tkompli tattendi l-programm Għożża biex tipprepara ruħha bl-aħjar mod biex issir omm, u l-bżonn li jibqa' jsir assessjar regolari tal-istat mentali tagħha sabiex jgħinha tkun fi stat emozzjonali li titratta tajjeb mal-isfidi tal-maternita', liema għajnuna taħdem id f'id mal-għajnuna psikjatrika li qed tirċievi diġa' sabiex kemm jista' jkun jitnaqqas iċ-ċans li terġa' tinvolvi ruħha mal-Qrati tal-Ġustizzja Kriminali minħabba nuqqas ta' regolazzjoni tal-emozzjonijiet tagħha. Il-*Probation Officer* tirrikmanda wkoll li l-imputata tkompli tattendi mal-Psikjatra Dr. Rachel Buhagiar u mal-psikologa forensika Theresa Attard, u dan sabiex tkompli timmeljora r-relazzjonijiet tagħha ma' ta' madwarha u titgħallem twarrab persuni negattivi minn ħajjitha, u *ai fini* tal-attitudni tal-imputata dwar ir-reati in deżamina u lejn il-vittmi tal-istess reati, l-imputata titgħallem tiżviluppa sens akbar ta' responsabbilta' għal għemilha, u tagħraf kif l-imġiba tagħha taffettwa lil ħaddieħor. Il-*Probation Officer* issemmi wkoll il-bżonn li ssaħħaħ il-

ħiliet tagħha tal-kitba u l-qari sabiex tkun eliġibbli għal taħriġ aktar avvanzat li jippermittilha tidħol f'settur ta' xogħol li jogħġob lilha, u rigward dan, l-istess *Probation Officer* iżżid li n-nuqqas t'involviment f'attivitajiet konstruttivi kkontribwixxa għall-instabbilta' ta' dawn l-aħħar snin, u għall-involviment tagħha ma' persuni negattivi. Huwa għal dawn ir-raġunijiet li l-*Probation Officer* titkellem dwar il-bżonn li l-imputata taħdem mal-*Youth Worker* Maryrose Falzon biex jiżdied iċ-ċans li l-iżvilupp imsemmi jiġi fis-seħħ sabiex eventwalment tasal għall-indipendenza finanzjarja;

6. Ir-rakkomandazzjoni tal-*Probation Officer* abbażi tar-raġunijiet imsemmija li l-imputata titpoġġa taħt Ordni ta' *Probation ai termini* tal-Artikolu 7 tal-Kap. 446 tal-Liġijiet ta' Malta;

Tenut kont dan kollu, din il-Qorti tqis li ma tantx għandha x'iżżid ma dak li ntqal aktar 'il fuq, li fost oħrajn jagħti ħarsa dettaljata lejn is-sitwazzjoni tal-imputata, l-orġini tagħha, l-effetti tagħha fuqha, u l-andament kurrenti tal-istess imputata. Madankollu, għandu jingħad li minkejja l-progress li għamlet l-imputata permezz t'għajnuna ta' professjonisti li kienu ilhom jaħdmu magħha minn qabel ma kienu istitwiti dawn il-proċeduri, kif wkoll permezz tal-Ordni ta' Superviżjoni Proviżorja u Ordni ta' Trattament li tpoġġiet taħthom fil-perkors ta' dawn il-proċeduri (speċjalment wara Awwissu tal-2024), xorta jibqa' l-fatt li l-Qorti m'hijiex marbuta bl-ebda mod bir-rakkomandazzjoni tal-*Probation Officer* fil-*Pre-Sentencing Report* tagħha dwar il-piena li għandha teroga fil-konfront tal-imputata, u tirrileva li setgħet titratta magħha b'mod aktar sever minn dak rakkomandat;

Iżda jingħad ukoll li din il-Qorti ma tistax tinjora s-sitwazzjoni psikoloġika u psikjatrika tal-imputata u l-instabbilta' li kellha f'ħajjitha sa minn eta' tenera, u li dawn id-diffikultajiet ilkoll ikkontribwew sabiex eventwalment ikunu istitwiti dawn il-proċeduri fil-konfront tagħha. Għalhekk, filwaqt li kif spjegat aktar 'il fuq hemm bżonn li din il-Qorti żżomm f'moħħha l-portata ta' dawn l-imputazzjonijiet, li senjatament jinvolvi reati fil-konfront ta' Uffiċjali tal-Pulizija, u l-aġir tagħha fil-perkors ta' dawn il-proċeduri li wassal sabiex il-benefiċċju tal-Ħelsien mill-Arrest ikun revokat għal aktar minn darba, il-Qorti tqis li tenut kont iċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ odjern u tal-imputata nnifisha, jkun aktar idoneju u

neċessarju li l-istess imputata tingħata l-opportunita' li tkompli tieħu l-għajnuna li għandha bżonn sabiex tirriforma u tiżviluppa lilha nnifisha, u dan kemm għall-ġid tagħha stess, kif ukoll tat-tarbija li għad trid titwieled. Huwa għal dawn ir-raġunijiet kollha li din il-Qorti tqis li piena karċerarja effettiva ma tkunx waħda idoneja, u minflok teroga piena li permezz tagħha l-istess imputata potenzjalment tkompli fit-triq it-tajba li qabdet u bis-sapport mogħti lilha tkun kapaċi tagħmel għażliet tajbin u tgħix ħajja trakwilla 'l bogħod minn inċidenti simili għal dawk li wasslu għall-kawża odjerna;

**Decide:**

Din il-Qorti, wara li rat l-Artikolu 17(d), l-Artikolu 31(1)(b), l-Artikolu 31(1)(f), l-Artikolu 37(2), l-Artikolu 95, l-Artikolu 96(a), l-Artikolu 214, l-Artikolu 215, l-Artikolu 221(1), l-Artikolu 222(1)(ċ), l-Artikolu 325(1)(b), u l-Artikolu 338(ee) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, qiegħda, fuq ammissjoni libera u inkondizzjonata tagħha stess, **issib lill-imputata OMISSIS ħatja tal-imputazzjonijiet kif miġjuba fil-konfront tagħha,** u *stante* li l-Qorti hija tal-fehma li jissussistu ċ-ċirkostanzi meħtieġa u msemmija fl-Artikolu 7(1) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, wara li rat, u a tenur tal-Artikoli 2 u 7 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, qiegħda tpoġġi lill-imputata, issa l-ħatja, taħt **Ordni ta' Probation għal perjodu ta' tliet (3) snin mil-lum skont id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 7 tal-Kap 446** b'dan li għal dan l-iskop qiegħda tordna li l-istess **OMISSIS** titqiegħed taħt is-sorveljanza t'Uffiċjal tal-Probation indikat lilha mid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation u Parole, liema ordnijiet huma soġġetti għall-kundizzjonijiet elenkati fid-digriet mogħti llum stess u anness ma' din is-sentenza u li jifforma parti integrali minnha;

A tenur tal-Artikolu 7(7) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti fissret lil **OMISSIS** bi kliem ċar u li jinftiehem, l-effetti tal-*ordni ta' probation* kif ukoll tal-kondizzjonijiet kollha elenkati fid-digrieti annessi ma' din is-sentenza u li f'każ li tonqos milli tikkonforma ruħha ma' dawk l-ordnijiet u dawk il-kondizzjonijiet u/jew f'każ li tagħmel reat ieħor tul it-terminu tal-ordni ta' probation, tista' tingħata sentenza għar-reati li tagħhom instabet ħatja b'din is-sentenza, nonche l-konsegwenzi li jistgħu jiġu sofferti f'każ ta' nuqqas t'adeżjoni mat-termini tal-ordni hawn fuq imsemmi;

*Ai termini* tal-Artikolu 7(8) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza u tal-Ordni ta' *Probation* bid-digrieti relattivi tal-lum stess għandhom jiġu trasmessi minnufiħ lid-Direttur tas-Servizzi ta' Probation u Parole sabiex jassenja Uffiċjal tal-Probation biex ikun responsabbli għas-sorveljanza ta' **OMISSIS**. L-Uffiċjal tal-Probation assenjat għandu jirrapporta bil-miktub lill-Qorti kompetenti bil-progress tal-istess imputata, issa l-ħatja **OMISSIS** kull tliet (3) xhur;

Il-Qorti spjegat b'mod ċar il-portata ta' din is-sentenza lill-imputata, issa l-ħatja;

*In oltre*, b'żieda mal-piena erogata, wara li reġgħet rat l-Artikolu 95 u l-Artikolu 96(a) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, **qiegħda tikkundanna lill-ħatja OMISSIS, ħlas ta' multa li, b'applikazzjoni tad-dettami tal-Artikolu 37(2) u l-Artikolu 31(1)(f) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, qed tkun ridotta għal ammenda fl-ammont massimu *ai termini* tal-Artikolu 13(1) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, u ċioe' ta' tmienja u ħamsin Ewro u tlieta u għoxrin ċenteżmu (€58.23), li tenut kont il-fatt li nstabet ħatja ta' żewġ imputazzjonijiet f'dan ir-rigward, qiegħda tikkundannaha għall-ħlas tal-ammont komplessiv ta' mija u sittax-il Ewro u sitta u erbgħin ċenteżmu (€116.46)**. B'applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, din il-Qorti qiegħda tawtorizza li l-ammont mija u sittax-il Ewro u sitta u erbgħin ċenteżmu (€116.46) jitħallas permezz ta' pagamenti mensili ta' dsatax-il Ewro u wieħed erbgħin ċenteżmu (€19.41) fuq perjodu li ma jeċċedix is-sitt (6) xhur, b'dan illi jekk ma jsirx ħlas ta' xi waħda mir-rati, l-ammont sħiħ rimanenti jkun dovut u jitħallas minnufih;

Din il-Qorti wara li rat it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex f'każ ta' ħtija, jitħaddmu kontra l-ħatja **OMISSIS** il-provvedimenti tal-Artikolu 532A tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, qiegħda tilqa' t-talba t-talba u tordna lill-istess ħatja **OMISSIS** sabiex tħallas id-danni sofferti mill-Korp tal-Pulizija fl-ammont ta' elfejn u erba' mija u tmien Ewro u disgħa u sebgħin ċenteżmu (€2408.79), b'dan illi dawn id-danni għandhom jitħallsu b'paġamenti mensili *ai termini* tal-Artikolu 24(1) u l-Artikolu 24(2) tal-Kap. 446 tal-Liġijiet ta' Malta ta' sitta u sittin Ewro u wieħed u disgħin ċenteżmu (€66.91) fuq perjodu ta' tliet (3) snin, b'dan ukoll illi f'każ illi ma jsirx ħlas ta' xi waħda mir-rati, l-ammont sħiħ rimanenti jkun dovut u jitħallas minnufih;

Il-Qorti tordna li a tenur tal-Artikolu 392A(2) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, kopja skenjata tal-atti proċesswali flimkien ma' din is-sentenza u d-digrieti relattivi għall-istess tkun ikkomunikata lill-Avukat Ġenerali, u dan fiż-żmien stipulat fil-Liġi;

**MAĠISTRAT DR. ABIGAIL CRITIEN**

**B.A., Trib. Eccl. Melit., LL.M. (Family Law) (Lond.), LL.D.**